MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 399/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mario Tonna)**
**Vs**
**Steve Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala
Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli
1. fl-ghaxra t'Ottubru 2004, fi Triq San Gorg, Paceville, San Giljan, fil-hinijiet ta' bejn il-hamsa ta' filghodu w il-hamsa w nofs ta' filghodu bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni billi dolozament bil-hsieb li jikkommetti omidicju, jew li jqighed il-hajja f'perikolu car ta' Ronnie Spiteri minn B'Kara, taha bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema tentattiv t'omicidju ma sehhx minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament bil-hsieb li joqtol jew li jqiegħed il-hajja f'perikolu car ta' Ronnie Spiteri, taha bidu ghal esekuzzjoni bil-hsieb u b'atti esterni sabiex jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-istess Ronnie Spiteri minn B'Kara sabiex jikkagunalu offizi gravi;

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, waqt il-hin tal-arrest ghal ghemil ta' xi delitt, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari u cioe revolver tal-ghamla Smith & Wesson ta' kalibru 38mm w erbgha balal ta' kalibru 38mm;

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel resiztenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond l-ligi mill-awtorita kompetenti u cioe fuq il-persuni ta' PC 756 Johann Xuereb u PC 1194 Christopher De Brincat u diversi membri ohra tal-Korp tal-Pulizija;

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, uza arma regolari u cioe revolver tal-ghamla Smith & Wesson kalibru 38mm li zamm fuqu sabiex jghin dan l-attakk u b'hekk il-vjolenza wzata titqies vjolenza pubblika;

6. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jghamlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew jbezzgha fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan s-servizz u cioe fuq il-persuni tal-istess ufficcjali tal-pulizija msemmija;

7. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, m'obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li jkunu jghamlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lil membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar u gab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizja bhala awtorita kienu ghamlu;

8. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat u glied;

9. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, stieden ghal glied lil membri tal-Korp tal-Pulizija msemmija hawn fuq;
10. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, qal kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagha;
11. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq l-persuna ta' Ronnie Spiteri, u dan skond ma ccertifika Doctor Agius MD tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana;
12. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb sabiex jingurja jew jaghmel hsara lil istess Ronnie Spiteri;
13. nhar l-ghaxra t'Ottubru 2004, ghal habta tal-hamsa ta' filghodu fi Triq San Gorg, San Giljan u fil-granet ta' qabel, f'diversi bnadi fil-Gzejjer Maltin, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u munizzjon f'post li jaghmel mieghu u fuq il-persuna tieghu u cioe revolver tal-ghamla Smith & Wesson li ghandu n-numru tas-serie 704698, kalibru 38mm kif wkoll erbgha balal ta' kalibru 38mm;
14. fl-istess data, hin u post kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u munizzjon u cioe revolver li ghandu n-numru tas-serie 704698, kalibru 38mm kif wkoll erbgha balal ta' kalibru 38mm xort ohra milli b'licenzja u naqas li minnufih jaghti avviz taghhom lil Kummissarju tal-Pulizija;
15. fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi zamm arma u munizzjon minghajr l-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija li huma maghmula ghad-difiza;
16. f'isem l-Kontrollur tad-Dwana talli nhar l-ghaxra t'Ottubru u fil-granet ta' qabel u jew f'xi dati qabel nstab xjentement li kellu fil-pussess tieghu jew taħt il-kontroll tieghu revolver tal-ghamla Smith & Wesson li ghandu n-numru tas-serie 704698, kalibru 38mm kif wkoll erbgha balal ta' kalibru 38mm u liema mportazzjoni t'oggetti hija projbita u jew ristretta bil-valur tar-revolver mhux maghruf u l-valur fuq il-balal mhux maghruf;
17. bi ksur tal-Att XIII tas-sena 1998 dwar t-Taxxa tal-VAT, liema valur tar-revolver jammonta ghal valur mhux maghruf u l-valur tal-balal ta' kalibru 38mm mhux maghruf ta' Taxxa Mizjuda li ma thallasx jammonta ghal valur mhux maghruf;
18. nhar l-ghaxra t'Ottubru 2004 gewwa l-isptar San Luqa ghal habta tad-disgha w nofs ta' filghodu u cioe gewwa Ward M2 ingurja jew hedded lil persuna ta' PC

1268 Ivan Caruana bhala persuna li huwa nkarigat skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

19. huwa rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati liema sentenzi saru definittivi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

tad-29 t'Ottubru, 2009, li biha, wara li rat l-Artikoli 214, 18, 95, 96, 97, 98, 338(ee)(dd)(bb), 342, 339(1), 49, 50 u 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 26, 3(1), 3(1A) tal-Ordinanza dwar l-Armi u l-Artikoli 82(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) u l-paragrafu (a) tal-proviso u l-Artikolu 60(a)(b)(c)(k) tal-Ordinanza tad-Dwana w l-Artikolu 80 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u ddikjarat li sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif addebitati kontra tieghu w ikkundannatu ghal tlett (3) snin prigunerija.

Oltre dan ordnat li jhallas multa ta' hames mija w tmenin Euro u tlieta w erbghin Euro centezmu (€580.43) lil Gvern ta' Malta w ordnat li terz minn din il-multa ghandu jigi kunsidrat li huwa dejn civili w ghalhekk dovut lid-Dipartiment tad-Dwana ai termini tal-proviso tal-artikolu 62 tal-Kap. 37.

Ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 il-Qorti kkundannat lill-appellant ihallas l-ispejjes kollha nvoluti inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti fl-ammont komplessiv ta' mitejn, tmienja w ghoxrin Euro (€228) u dan fi zmien sitt xhur u jekk l-appellant jonqos li jhallas dan l-ammont, dan jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull €11.65 dovuta.

Ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.

Ordnat il-konfiska tal-arma u l-bullets esebiti a favur tal-Gvern ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta' Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha ghal dak illi jirrigwarda l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali u cioe' ingurji u theddid u offizi fuq ufficjali pubblici waqt il-qadi ta'

dmirijiethom u tirrevokaha ghall-kumplament u tilliberah mill-akkuzi l-ohrajn kollha w konsegwentement tirriformaha dwar il-piena. Minghajr preguzziju fi kwalunkwe kaz tirriforma l-istess sentenza dwar il-piena billi taghti wahda iktar applikabbli ghall-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat l-aggravji tal-appellant li huma s-segwenti :-

1. L-appellant jaghmel referenza ghall-ligi fl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali fejn jidher manifest illi f'dan il-kaz partikolari, l-unika ipotesi li seta' kien hemm kienet illi jkun hemm sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mil-idejn tal-offiz. Certament ma kienx applikabbli l-artikolu 218(1)(c) illi r-reat ikun sar fuq mara tqila. Lanqas japplika s-subinciz A illi xi hadd allega illi kien hemm debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem;

2. L-appellant qajjem minghajr pregudizzju d-difiza tal-provokazzjoni ghal kwalunkwe tip ta' ferita illi allegatament wettaq. F'dan il-kaz partikolari, jirrizulta car u tond, anke jekk wiehed jaghsar il-gurisprudenza citata mill-Ewwel qorti illi Steve Spiteri ma kellu hu personalment l-ebda kwistjoni ma' Ronnie Spiteri. Jekk kien hemm xi haga kienet da parti ta' Ronnie Spiteri lejn Josianne Farrugia w konsegwentement lejn min kien maghha w cioe' l-appellanti. Josianne Farrugia a fol. 67 tal-process qalet illi kienu vicin l-istabbiliment Footloose ma' ohtha w marru l-Havana w iltaqet mal-appellanti. Kienu sejrin jieklu u nzertaw lil Ronnie Spiteri;

3. L-appellant ma cahadx illi qal certu kliem goff fil-mument illi kien irrabjat b'dak illi kien qieghed jigri. Anke xi kliem li qal dwar il-membri tal-Pulizija. Ghalhekk l-artikolu 95 jista' jirrizulta w il-piena stabbilita ghalih hija skond l-artikolu 95 dik tal-kontravenzjonijiet. Pero' meta wiehed jigi ghall-artikolu 96 u cioe' l-attakk u rezistenza, ghandu jinghad illi dan l-attakk irid isir waqt l-esekuzzjoni tal-ligi u b'dak il-mod tigi ffrustrata l-ligi. F'dan il-kaz johrog car u tond illi Steve Spiteri spicca mmanettjat u baqa' qisu jissara meta fil-fatt kien immanettjat. Anzi x-xhud tal-Pulizija jghid illi baqa' jissara w jithabat meta madwar idejh kellu l-manetti. Allura kif wiehed jista' jghid

illi sar dan ir-reat waqt l-esekuzzjoni tal-ligi? Ghaliex l-esekuzzjoni tal-ligi da parti tal-Pulizija kienu li jarrestawh u fil-fatt hekk ghamlu;

4. Dwar il-pussess ta’ arma minghajr licenzja l-appellant jirrimetti ruhu biss ghall-provi ghaliex effettivament ma jirrizultax minghajr ebda dubju ragjonevoli illi dik l-arma kienet mill-bidu fil-pussess tieghu;

5. L-Ewwel Qorti skartat ghal kollox sottomissjoni illi d-difiza ghamlet f’dan il-kaz illi dawn iz-zewg reati m’humiex prosegwibbli ex officio mill-Pulizija imma huma prosegwibbli biss fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwara w tal-Kummissarju tal-VAT. B’sistema legislattiva ohra, dana jissejjah Autorizazione a procedere. Fil-ligi taghna ghandha diversi ligijiet fejn din l-awtorizzazzjoni trid tigi pprezentata quddiem il-Qorti fil-bidu tal-proceduri. Il-Qorti fis-sentenza taghha ma semmiet xejn. Id-difiza sahqet hafna fuq dan u ghar-raguni semplici illi anke l-istess Qorti kif presjeduta kienet iddecidiet f’kazijiet precedenti illi din l-awtorizzazzjoni a procedere kellha tkun qabel il-proceduri u mhux wara.

6. L-Ewwel Qorti meta giet ghall-kwistjoni tal-piena, ghamlet referenza ghal sentenza w sahqet hafna fuqha illi nghatat kontra Steve Spiteri fl-4 ta’ Novembru, 2004 u fl-istess sentenza tenfasizza hafna fuqha specjalment kif jidher minn fol. 59 tas-sentenza, fl-ahhar paragrafu taghha w tkompli fil-pagna 60. wiehed jistaqsi kif jista hemm recidiva ta’ din is-sentenza meta din nghatat fit-8 ta’ Novembru 2004 u Steve Spiteri kien tressaq quddiem il-Qorti xahar qabel. Jekk kien tressaq xahar qabel, certament din is-sentenza ma tistax tapplika ghar-recidiva.

7. Il-kwistjoni ta’ “subjective bias” qed titqajjem wara li saret riferenza ghas-sentenza msemmija tal-4 ta’ Novembru 2004. F’dak il-kaz Steve Spiteri kien tressaq li fost reati ohra kien seraq l-“official car” tal-Magistrat li wara ggudikatu f’dan il-kaz, kienet xhud kontra tieghu u kien hemm element ta’ suspett li l-vittma kienet il-vittma minhabba l-kariga w mhux l-oggett kienet karozza bhal kull karozza ohra.

8. L-appellant jibqa’ jsostni illi l-verzjoni illi ta kienet gustifikata. In oltre kienet gustifikata w vera w

ghalhekk ma kellhiex tigi mposta fuq piena ta' dik l-entita'. Fil-fatt huwa kien responsabbli ta' diversi kontravenzjonijiet u mhux tar-reati kollha dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat :

Illi l-Avukat tal-appellant beda t-trattazzjoni tieghu billi mess indubju l-imparzjalita' tal-gudikant li qghadet fuq din il-kawza, dan il-ghaliex fost l-elenku ta' reati addebitati lill-appellant kien hemm dik illi seraq il-karozza ufficjali tal-istess Magistrat li ggudikatu fl-ewwel stadju w l-Magistrat kienet xhud kontra tieghu.

Ammetta illi din il-kwistjoni ma gietx imqajjma fl-ewwel stadju w l-kaz tkompla minghajr eccezzjonijiet formali quddiem il-Magistrat.

Fl-istadju tal-appell pero' l-appellant qieghed jghid illi l-Magistrat missha astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza minhabba impressjoni li setghet taghti ta' "personal bias".

Ikkunsidrat :

Huwa veru illi meta gudikant ihoss li kawza tista' tesponieh ghal certa kritika ghandu jiddikjara s-sitwazzjoni tieghu fil-bidu nett tal-kawza. Izda, minn nahha l-ohra l-persuna li tkun qed tigi gudikata minn Magistrat illi jidhrilhu illi ghandu "personal bias" kontra tieghu, ghandu jqajjem din l-eccezzjoni fil-bidu nett u mhux ihalli l-kawza ghaddejja, tiehu l-kors taghha, mbaghad fi stadju tal-appell jaghmel eccezzjoni bhal din.

Il-kawza damet ghaddejja hames snin u l-appellant setgha f'dan il-perjodu, li kieku deherlhu li kien hemm "subjective bias" jaghmel oggezzjoni ghal Magistrat, izda ma ghamel xejn.

Dan in-nuqqas ta' azzjoni jfisser accettazzjoni da parti tal-appellant illi jkun igudikat mill-Magistrat li tkun qed tippresjedi l-kaz tieghu.

Il-Qorti taghmilha cara illi talba ghar-rekuza ghal raguni jew ohra trid issir fil-bidu nett tal-kawza w jekk ma ssirx f’dak l-istadju, ma tistax titqajjem bhala eccezzjoni fi stadju aktar avvanzat tal-kawza aktar u aktar fi stadju tal-appell.

Ghalhekk il-Qorti tichad dan l-aggravju w mhux il-kaz li tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

Ikkunsidrat :
Ghal dawk illi huma l-fatti rrizulta illi fl-10 ta’ Ottubru 2004, gewwa Triq San Gorg, Paceville, San Giljan, bejn il-5.00 u l-5.30 ta’ filghodu kien hemm glieda bejn l-appellant u Ronnie Spiteri. Dan ta’ l-ahhar spicca ferut mill-aggressur tieghu l-appellant odjern li kellu arma tan-nar fuqu meta ma kienitx licenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija w lanqas imhallas id-dazju w il-VAT. Barra minn hekk irrizulta illi hebb u ingurja, hedded u attakka diversi ufficjali tal-Pulizija.

Dawn il-fatti bhala tali ma jidhrux illi huma kontestati mill-appellant. Jghid pero’ illi dana gara l-ghaliex gie pprovokat mill-istess Ronnie Spiteri, li kien l-ex boyfriend tat-tfajla li kienet fil-kumpanija tal-appellant u giet insulentata minnu, w dak illi ghamel l-appellant fil-konfront ta’ Ronnie Spiteri kien biss reazzjoni ghall-ghemil inaspettat tal-istess Spiteri.

Din il-Qorti ezaminat l-atti ta’ din il-kawza w specjalment is-sentenza tal-Ewwel Qorti illi hija sentenza studjata, b’apprezzament approfondit tal-fatti kif ukoll tal-punti legali illi tqajjmu mid-difiza w mill-prosekuzzjoni, w waslet ghall-konkluzzjoni li ma kienx ta’ provokazzjoni w ghaddiet biex timponi piena karcerarja fuq l-appellant.

Verament mhux il-kaz li din il-Qorti terga’ toqghod tidhol fil-punti ta’ ligi illi gew abbilment trattati mill-Ewwel Qorti w li din il-Qorti ma ssib xejn x’tista’ zzied maghhom. Dan l-incident gara quddiem il-Pulizija w kien l-appellant illi hareg l-arma. L-appellant jghid illi huwa kontro sens illi jigi mixli b’uzu lleggittimu ta’ arma wara li tkun ittiehditlu mill-Pulizija.

Il-Qorti ma tara xejn kontro sens f'din is-sitwazzjoni. Imnalla kien hemm il-Pulizija prezenti dak inhar sabiex jiehdu l-arma minn idejn l-appellant. Il-fatt illi hareg arma w kienet momentarjament f'idejh, f'sitwazzjoni jew f'posizzjoni ta' aggressjoni, jiskatta r-reat ta' uzu lleggittima ta' arma. F'dan l-istadju l-Pulizija jkunu gustifikati illi jikkonfiskaw dik l-arma w jiehduha mill-pussess ta' l-appellant. Dana stabbilit u mehud in konsiderazzjoni l-fatti illi l-Ewwel Qorti kellha quddiemha, din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni illi l-ewwel sentenza kienet legali w ragjonevoli.

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Izda, jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali tasal ghall-konkluzzjoni illi l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din tiddisturba dik id-deskrizzjoni w konkluzzjoni. **(Il-Pulizija vs. Carmelo Schembri App. Krim. 28-04-1995)**.

Bhal ma gja inghad, din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-provi w konkluzzjonijiet illi ghamlet l-Ewwel Qorti w waslet ghall-konkluzzjoni illi dak l-apprezzament kien ragjonevoli w legali w li l-Ewwel Qorti setghet tasal ghall-konkluzzjoni illi wasslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz illi l-ewwel sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------